MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 300/2009

**Corinthia Palace Hotel Company Limited (C - 257)**

**vs**

**Aqua Bubbles Diving School Limited (C – 27921) bhala debitur principali u Raymond Cancio (ID 239057M) bhala garanti solidali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors datat id-19 t'Awwissu, 2009, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-intimati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta' ghaxar t'elef u tmien mija u hamsa u erbghin Ewro u sbatax-il centezmu, (€10,845.17), arretrati ta' kera kif ukoll bilanc ta' kontijiet ghas-servizzi tad-dawl u ilma, u dan kif jidher mill-

prospetti hawn annessi u mmarkati bhala ‘Dok. A1 sa Dok. A24’ in konnessjoni mad-*Diving Concession Agreement* immarkat bhala ‘Dok. B u C’ rispettivament;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali numru 821/08 u l-Mandat ta’ Sekewestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors u bl-imghax legali mid-data ta’ kull skadenza kontra l-istess konvenuti, ngunti biex jidhru in subizzjoni;

Rat il-verbal datat l-10 ta’ Novembru, 2009, li permezz tieghu r-rapprezentant tal-intimati nforma lill-qorti li l-intimati kien behsiebhom jintavolaw risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti;

Tirrileva li nonostante dan l-impenn l-intimati baqghu inadempjenti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti jirrizulta assodat li l-intimati ghandhom jaghtu l-ammont pretiz lis-socjeta` rikorrenti ghall-koncessjoni lilhom moghtija in solidum mill-istess socjeta` fil-*Corinthia Jerma Palace Hotel*;

Illi nonostante diversi tentativi ghall-pagament dovut, l-intimati baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant, tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-intimati fuq indikati ghandhom jaghtu l-ammont indikat fir-rikors promotur lis-socjeta` rikorrenti;

2. Tikkundanna lill-intimati fuq indikati biex ihallsu in solidum l-istess ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti indikata;

3. Bl-ispejjez kontra l-intimati kif indikati fl-istess rikors promotur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------